III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2008/611/PESK

ta' l-24 ta' Lulju 2008

li tħassar il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/187/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-gvern illegali ta' Anjouan fl-Unjoni tal-Komoros

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-3 ta' Marzu 2008, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/187/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-gvern illegali ta' Anjouan fl-Unjoni tal-Komoros [1], bi tweġiba għar-rifjut insistenti minn dan ta' l-aħħar li jaħdem lejn il-ħolqien ta' kondizzjonijiet li jiffavorixxu l-istabbiltà u r-rikonċiljazzjoni fil-Komoros.

(2) Wara l-istabbiliment mill-ġdid, fil-25 ta' Marzu 2008, ta' l-awtorità ta' l-Unjoni tal-Komoros fil-gżira ta' Anjouan, il-miżuri restrittivi imposti mill-Pożizzjoni Komuni 2008/187/PESK għandhom jitneħħew.

(3) Il-Pożizzjoni Komuni 2008/187/PESK għandha għalhekk tiġi mħassra,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 2008/187/PESK hija b'dan imħassra.

Artikolu 2

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol b'effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 24 ta' Lulju 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

B. HORTEFEUX

[1] ĠU L 59, 4.3.2008, p. 32.